MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Numru. 514/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Rennie Stivala]**

**vs**

**Matthew Luke Demicoli**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Matthew Luke Demicoli detentur tal-karta tal-identita` numru 328585(M).

Akkuzat talli f'xi ġranet f'Jannar 2013 u qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmula minnek li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1) wettaq frodi b'egħmil qarrieqi, billi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza' ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, biex jagħmel qliegħ għalih jew għal persuni oħra, ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha w disghin centezmu **(€ 232.94)** izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu **(€ 2,329.37)** għad-dannu ta' Go Plc;

2) approprja ruħu, billi dawwart bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, għall-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha w disghin centezmu **(€ 232.94)** izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu **(€ 2,329.37)** għad-dannu ta' Go Plc;

3) U aktar talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati tal-Maġistrati ta' Malta, sentenzi li ġew definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-artikoli indikat; u cioe` l-Artikoli 49, 50, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Matthew Luke Demicoli hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante illi t-tieni akkuza hija assorbita fl-ewwel akkuza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------